A.L. 45 ta' l-1995

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

REGOLAMENTI TAL-1995 GĦALL-KORS TAD-DIPLOMA IN HEALTH SCIENCE — DIP. HEALTH SCIENCE

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 għall-Kors tad-Diploma in Health Science — Dip. Health Science.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma;

"Id-Diploma" tfisser id-Diploma in Health Science — Dip. Health Science;

"ix-Xjenza tas-Saħħa" tfisser waħda mill-għażliet imniżżla fl-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1992 jew wara.

Eliġibilità għad-Diploma

3. Biex ikun jista' jingħata d-Diploma kandidat għandu:

(a) ikun irreġistrat fl-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa għal perjodu minimu ta' tliet snin u nofs, li minnhom minn ta' l-anqas ikun għadda sentejn bħala student regolari,

(b) ikun temm kors ta' studju u għadda mill-eżami skond kif mitlub minn dawn ir-regolamenti;

(ċ) ikollu ċertifikat ta' kondotta tajba kif jixraq lil persuna li trid taħdem professjonalment fix-Xjenza tas-Saħħa, liema ċertifikat għandu jkun iffirmat mill-Bord; u

(d) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżlin f'dawn ir-regolamenti u fi statuti u regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

Reġistrazzjoni

4. (1) Il-kandidat jista' jiġi rreġistrat bħala student fil-Kors jekk:

(a) ma jkunx iżgħar minn sbatax-il sena fi żmien tliet xhur kalendarji mid-data ta' meta jibda l-Kors;

(b) jissodisfa r-rekwiżiti bħala student proviżorju jew regolari skond kif jitolbu r-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Università, u jekk ikun student proviżorju, jissodisfa r-regolamenti tad-dħul murija fir-regolament 5 hawn taħt;

(ċ) ikollu x-xejriet meħtieġa biex jagħmel il-Kors.

(2) Il-kandidat irid jippreżenta ċertifikat mediku li juri li jista' jaqdi dmirijietu tajjeb fix-Xjenza tas-Saħħa.

(3) Studenti barranin għandhom ukoll juru kapaċità fl-Ingliż kemm bil-miktub u kemm bil-fomm.

Rekwiżiti tad-Dħul

5. Biex jitħalla jissieħeb fil-Kors, il-kandidat jeħtieġ ikollu wieħed minn dan li ġej:

(a) sitt *passes* f'livell Ordinarju, fosthom il-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-Xjenza; jew

(b) ċertifikat mill-*Prevocational School* (Studji tas-Saħħa) bi grad C jew aħjar f'sitt suġġetti; fosthom il-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-Xjenza; jew

(ċ) il-kwalifiki tad-dħul ta' studenti maturi skond kif jitolbu r-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Università.

It-Tul tal-Kors

6. (1) Il-Kors jinfirex fuq perjodu ta' tliet snin u nofs. Il-kandidat ma jistax jagħmel l-Eżami Finali qabel tliet snin u nofs jew wara ħames snin u nofs minn mindu beda l-Kors ħlief bil-permess tal-Bord.

(2) Il-Programm Bażiku fix-Xjenza tas-Saħħa jsir tul l-ewwel tmintax-il xahar tal-Kors.

(3) Dak l-istudent li jtemm b'suċċess il-Programm Bażiku jitħalla jirreġistra bħala student matrikolat ta' l-Università.

(4) Wara li jtemm il-Programm Bażiku b'suċċess, l-istudent għandu jkompli l-istudji tiegħu fix-Xjenza tas-Saħħa għal sentejn oħra.

L-Għażla tax-Xjenza tas-Saħħa

7. (1) L-istudent għandu jagħżel li jistudja xi waħda mix-Xjenzi tas-Saħħa fil-bidu tal-Kors. Xi whud biss mix-Xjenzi tas-Saħħa mniżżlin fl-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu offruti f'kull sena akkademika.

(2) L-istudent għandu jitħalla jibdel ix-Xjenza tas-Saħħa li jkun għażel:

(a) jekk jagħmel talba bil-miktub li trid tasal mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel semestru tal-Programm Bażiku;

(b) wara r-rakkomandazzjoni bil-miktub taż-żewġ Kapijiet ta' Studji rilevanti; u

(ċ) bl-approvazzjoni ta' dil-bidla mill-Bord.

Il-Programm Bażiku

8. (1) Tul il-Programm Bażiku tal-Kors, l-istudenti għandhom jithejjew biex jiksbu t-tagħrif, il-kapaċitajiet u x-xejriet meħtieġa biex jaqdu dmirijiethom fix-Xjenza tas-Saħħa. L-istudenti għandhom jithejjew ukoll għall-iżvilupp akkademiku u professjonali li jeħtieġu aktar 'il quddiem.

(2) Il-Kors għandu jkun magħmul minn moduli li kull wieħed minnhom iħaddan komponent teoriku u prattiku u jikkonċentra fuq qasam partikolari fix-Xjenza tas-Saħħa.

(3) L-istudenti għandhom ikunu vvalutati kemm fit-teorija u l-prattika ta' dmirijiethom rilevanti għax-Xjenza tas-Saħħa b'valutazzjoni kontinwa.

(4) It-taqsima prattika tkun ivvalutata minn *tutors* fix-Xjenza tas-Saħħa jew minn *demonstrators* prattiċi li jaħdmu f'oqsma ta' prattika rilevanti.

Tmiem il-Programm Bażiku b'Suċċess

9. (1) Biex itemm il-Programm Bażiku b'suċċess u jkompli l-Kors, l-istudent jeħtieġ jikseb dan li ġej:

(a) grad 'għadda' fil-moduli teoriċi bi grad medju ta' C;

(b) grad 'għadda' fil-moduli prattiċi kollha; u

(ċ) jgħaddi mill-Eżami Komprensiv tal-Programm Bażiku.

(2) Student li jonqos li jgħaddi f'aktar minn żewġ moduli skond is-sotto-paragrafu (a) jew (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jew skond iż-żewġ sotto-paragrafi, għandu jitħalla jirrepeti l-istess moduli darba biss fi tmiem il-Programm Bażiku. Jekk jgħaddi mir-riparatorju, jista' jingħata biss il-Grad D li għadda. Student li jonqos li jgħaddi mqar minn wieħed mill-moduli li jkun irrepeta ma jitħalliex ikompli l-Kors ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tal-Bord.

(3) Student li jgħaddi mill-moduli kollha skond is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament iżda ma jiksibx grad medju ta' C, jitħalla jirrepeti, darba biss, kull numru ta' moduli li jixtieq fi tmiem il-Programm Bażiku, u jekk jikseb grad medju ta' C, li jiġbor fih kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni opportunità, għandu jitħalla jkompli l-Kors bi dritt. Jekk jonqos li jikseb il-grad medju msemmi hawn fuq, ma jitħalliex ikompli l-Kors jekk mhux bil-permess tal-Bord.

(4) Student li jeħel mill-Eżami Komprensiv jitħalla jagħmel ir-ripartorju darba biss fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-Programm Bażiku.

(5) Student li jtemm b'suċċess il-Programm Bażiku jingħata Ċertifikat fl-Istudji Bażiċi (Xjenza tas-Saħħa).

Programm tad-Diploma

10. (1) Wara l-Programm Bażiku, l-istudent għandu jkompli jistudja sentejn oħra biex jikseb id-Diploma skond il-kors ta' studju li jagħżel.

(2) Il-programm tad-Diploma hu magħmul minn żewġ elementi:

(a) Studji Professjonali — taqsimiet-studju f'livell ta' Diploma marbutin mat-teorija u l-prattika tax-Xjenza tas-Saħħa;

(b) Studji tad-Diploma — taqsimiet studju fit-tagħrif professjonali li jeħtieġu l-istudenti fix-Xjenza tas-Saħħa.

Studji Professjonali għall-Programm tad-Diploma

11. (1) L-Istudji Professjonali għandhom jitqassmu f' moduli ta' tagħlim.

(2) Kull modulu jitqies bħala taqsima studju distinta għal rasha li tħaddan kredti teoretiċi u prattiċi tal-laboratorji.

(3) Il-Kap ta' l-Istudji fix-Xjenza tas-Saħħa għandu jiddeċiedi l-ordni tal-moduli li student jista' jieħu.

Il-Komponent Teoretiku tal-Istudji Professjonali

12. (1) Kull modulu għandu jingħata numru speċifiku ta' kredti teoretiċi.

(2) In-numru ta' kredti teoretiċi mogħtija fl-istudji professjonali fid-diversi Xjenzi tas-Saħħa għandhom ikunu dawk imniżżla fit-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Is-suġġetti koperti f'kull modulu huma relatati bejniethom u għaldaqstant għandhom jiġu vvalutati bħala taqsima waħda ta' tagħlim.

(4) Malli jtemm kull modulu, l-istudent għandu jingħata grad li juri l-livell milħuq minnu fil-valutazzjonijiet teoretiċi. Il-gradi għandhom ikunu kif ġej:

A - Eċċellenti
B - Tajjeb Ħafna
C - Sodisfaċenti
D - Għadda
F - Weħel

(5) L-istudent għandu jerġa' joqgħod għall-valutazzjoni tiegħu darba biss jekk jeħel f'xi wieħed mill-moduli. Jekk jgħaddi mir-riparatorju, jista' jingħata biss il-Grad D. Jekk jeħel l-istudent għandu jitħalla jirrepeti l-modulu sħiħ darba biss fi tmiem il-Kors. Dawk l-istudenti li jerġgħu jeħlu fit-tieni opportunità ma jitħallewx ikomplu l-Kors ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tal-Bord. Jista' jiġi ripetut modulu wieħed biss.

Il-Komponent Prattiku tal-Istudji Professjonali

13. (1) Il-komponent prattiku ta' l-element tad-diploma tal-Kors għandu jkun magħmul minn għadd ta' taqsimiet studju ta' prattika/prattika laboratorja. In-numru ta' kredti mogħtija f'dawn it-taqsimiet studju għal kull Xjenza tas-Saħħa għandhom ikunu dawk imniżżla fit-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-istudenti għandhom joqogħdu għall-pjazzamenti prattiċi/laboratorji f'oqsma speċifikati mill-Kap ta' l-Istudji tax-Xjenza tas-Saħħa.

(3) It-tmiem b'suċċess ta' modulu prattiku/laboratorju għandu jiġi determinat b'valutazzjoni kontinwa intermittenti.

(4) Dawk l-istudenti li jeħlu f'modulu prattiku/laboratorju għandhom jitħallew jirrepetu l-modulu darba biss fi tmiem il-Kors.

(5) Dawk l-istudenti li jeħlu f'aktar minn modulu prattiku/laboratorju wieħed f'xi sena ma għandhomx jitħallew ikomplu l-Kors u lanqas ma għandhom jitħallew jagħmlu l-Eżami Finali Komprensiv ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tal-Bord.

Il-Programm tad-Diploma — Studji tad-Diploma

14. (1) L-istudji tad-diploma għandhom ikunu magħmula minn studji professjonali meħtieġa mill-istudenti tax-Xjenza tas-Saħħa.

(2) L-istudji tad-diploma għandhom jingħaqdu ma' l-istudji professjonali u għandhom isiru sessjonijiet komuni ma' studenti oħra kif ikun xieraq. Ġurnata waħda kull ġimgħa għandha titħalla għal dan il-għan.

(3) L-istudji tad-diploma għandhom ikunu magħmula minn għadd ta' taqsimiet studju li għalihom jingħataw numru ta' kredti skond kif jidher fit-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Il-Bord għandu jiddeċiedi liema kredti u f'liema ordni l-kandidat jista' jeħodhom biex itemm il-Kors.

(5) Malli jtemm kull kredtu, l-istudent għandu jingħata grad li juri l-livell milħuq minnu fil-valutazzjoni tal-kredti. Il-grad għandhom ikunu kif ġej:

A - Eċċellenti
B - Tajjeb Ħafna
C - Sodisfaċenti
D - Għadda
F - Weħel

(6) L-istudent għandu jitħalla jerġa' joqgħod għall-valutazzjoni tiegħu darba biss jekk jeħel f'xi wieħed mill-kredti. Jekk jgħaddi mir-riparatorju jista' jingħata biss il-grad D. Jekk jeħel, l-istudent għandu jirrepeti l-kredtu u jekk itemmu b'suċċess jista' jingħata biss il-grad D.

(7) Student li f'xi sena jonqos li jikseb tmenin fil-mija (80%) tan-numru totali tal-kredti mogħtija ma għandux jitħalla jkompli l-Kors jew jagħmel l-Eżami Finali Komprensiv ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tal-Bord. Student bħal dan għandu jikseb il-kredti nieqsa qabel tmiem il-Kors.

Tmien il-Kors

15. (1) Biex itemm il-Kors, l-istudent għandu jikseb dan li ġej:

(a) grad 'għadda' ta' C jew aħjar fil-Programm Bażiku;

(b) ċertifikat ta' kredtu fil-kredti professjonali, teoretiċi u tad-diploma tax-Xjenza tas-Saħħa skond kif jidher fit-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) kredti teoretiċi u prattiċi fix-Xjenza tas-Saħħa li minn żmien għal żmien iridu jissodisfaw id-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja.

(2) Il-Bord jista' jeżenta student mir-rekwiżit li jikseb ċertifikat ta' kredtu għal xi taqsima studju partikolari jekk ikun kiseb mill-Università jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-fini, kwalifika li l-istudju għaliha hu fil-fehma tal-Bord, ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dik li hi meħtieġa għaċ-ċertifikat tal-kredtu li għandu x'jaqsam. L-istudenti jistgħu jiġu eżentati biss sa wieħed minn ħamsa tal-komponent teoretiku.

L-Eżami Komprensiv Finali

16. (1) Kandidat għandu jagħmel l-Eżami Komprensiv Finali wara li jikseb ir-rekwiżiti kollha tar-regolament 15.

(2) Fi tmiem il-Kors, l-istudent għandu jagħmel l-Eżami Komprensiv Finali. Is-sura ta' dan l-eżami għal kull Xjenza tas-Saħħa għandha tkun kif tidher fit-Tielet Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-istudent jista' jeħtieġlu wkoll jagħmel eżami *viva voce* u jkun mistenni jiddiskuti aspetti tal-proġett speċjali, fejn japplika.

(4) L-Eżami Komprensiv Finali għandu jitfassal mill-Bord u jsir normalment tul l-aħħar ġimgħa tal-Kors.

(5) Il-valutazzjoni globali ta' l-istudent għad-Diploma għandha tikkonsidra x-xogħol tiegħu fl-Eżami Komprensiv Finali kif ukoll iċ-ċertifikat tal-kredti u l-gradi miksuba matul il-Kors.

(6) Student li jeħel f'karta waħda biss għandu jitħalla jerġa' jagħmel l-eżami f'dik il-karta. Student li jeħel f'aktar minn karta waħda għandu jerġa' jagħmel l-eżami kollu, fiż-żmien stabbilit mill-Bord.

(7) Student jista' jitħalla jagħmel l-Eżami Komprensiv Finali tliet darbiet biss.

Ir-Riżultati

17. (1) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom jiġu ppubblikati fi tliet kategoriji (Distinzjoni, Kredtu u Għadda) f'ordni alfabetiku.

(2) Student li jitħalla jirrepeti parti mill-eżami jew l-Eżami Komprensiv Finali kollu jista' jingħata biss il-kategorija Għadda.

L-EWWEL SKEDA

XJENZI TAS-SAĦĦA

Id-Diploma tista' tingħata f'waħda minn dawn l-oqsma ta' studju:

(a) Teknoloġija Dentali
(b) Saħħa Ambjentali
(ċ) Xjenza tal-Laboratorju Mediku
(d) Terapija Professjonali (Occupational Therapy)
(e) Fiżjoterapija
(f) Radjografija

IT-TIENI SKEDA

NUMRU TA' KREDTI FIL-PROGRAMM TAD-DIPLOMA

STUDJI PROFESSJONALI

Numru ta' Kredti Teoretiċi

(a)	Teknoloġija Dentali	20
(b)	Saħħa Ambjentali	14
(ċ)	Xjenza tal-Laboratorju Mediku	18
(d)	Terapija Professjonali	18
(e)	Fiżjoterapija	18
(f)	Radjografija	13

Numru ta' Kredti Prattiċi

(a)	Teknoloġija Dentali	24
(b)	Saħħa Ambjentali	14
(ċ)	Xjenza tal-Laboratorju Mediku	20
(d)	Terapija Professjonali	14
(e)	Fiżjoterapija	14
(f)	Radjografija	18

Studji tad-Diploma

(a)	Teknoloġija Dentali	14
(b)	Saħħa Ambjentali	17
(ċ)	Xjenza tal-Laboratorju Mediku	14
(d)	Terapija Professjonali	14
(e)	Fiżjoterapija	14
(f)	Radjografija	18

IT-TIELET SKEDA

L-Eżami Komprensiv Finali

(a) Teknoloġija Dentali

L-ewwel karta:	Xjenza, Anatomija, Teknika tal-Laboratorji Dentali
It-tieni karta:	Xjenza/Materjali Dentali
Prattiku:	Eżami fuq xi parti mill-kors marbut mal-kapaċitajiet meħtieġa fil-Laboratorji/u Dentali
Diskussjonijiet ta' Każ:	Eżami *viva voce* fuq tliet tipi differenti ta' għodod magħżula mill-Bord ta' l-Eżaminaturi

(b) Saħħa Ambjentali

L-ewwel karta:	Teorija u Prattika tas-Saħħa Ambjentali
It-tieni karta:	Żvilupp u Tmexxija Professjonali
Proġett Speċjali	

(ċ) Xjenza tal-Laboratorju Mediku

L-ewwel karta:	Teorija u Prattika tal-Kimika Klinika
It-tieni karta:	Teorija u Prattika tal-Hematoloġija
It-tielet karta:	Teorija u Prattika tal-Mediċina Transfużjonali

Ir-raba' karta:	Teorija u Prattika tal-Mikrobijoloġija
Il-ħames karta:	Teorija u Prattika tal-Patoloġija Cellulari
Is-sitt karta:	Teorija u Prattika tax-Xjenza Laboratorja Medika Ġenerali
Proġett Speċjali	

(d) Terapija Professjonali (Occupational Therapy)

L-ewwel karta:	Teorija tat-Terapija Professjonali f' Inkapaċità Fiżika I
It-tieni karta:	Teorija tat-Terapija Professjonali f' Inkapaċità Fiżika II
It-tielet karta:	Teorija tat-Terapija Professjonali f' Inkapaċità Psikoso-ċjali
Ir-raba' karta:	Teorija ta' l-Eżerċizzju Terapewtiku, Żvilupp u Tmexxija Professjonali.
Proġett Speċjali	

(e) Fiżjoterapija

L-ewwel karta:	Prattika tal-Fiżjoterapija
It-tieni karta:	Teorija tal-Fiżjoterapija
Proġett Speċjali	

(f) Radjografija

L-ewwel karta:	Teorija u Prattika tar-Radjografija
It-tieni karta:	Żvilupp u Tmexxija Professjonali fir-Radjografija
Proġett Speċjali	